## 18 ta' Novembru, 1964

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Giuseppa Camilleri pro. et noe.

*versus*

Rocco Camilleri

## Manteniment — Abbandun

*Il-ġenituri huma obbligati jmantnu u jedukaw lil uliedhom: il-manteniment huwa dovut skond il-bżonn ta' min qiegħed jitlob u l-mezzi ta' min huwa tenut għalih.*

*Fil-liġi ma hemmx stabilit meta tispiċċa l-obbligazzjoni tal-ġenituri illi jmantnu lil uliedhom; infatti, anke tifel illi jkun għalaq l-età maġġuri jista' jinsab fil-bżonn, u f'dan il-każ l-obbligazzjoni tibqa' ssehh.*

*Anke meta dan id-dmir tal-ġenituri jispiċċa għal raġuni jew oħra, jista jerġa' jitwieled bħala konsegwenza ta' ċirkostanzi ġodda illi jiġġustifikaw l-eżistenza tal-bżonn.*

*L-essenza ta' l-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwità ta' wieħed jew waħda mill-konjugi illi jgħix apparti mill-konjugi l-oħra jew l-ieħor, skond il-każ, mingħajr raġuni tajba.*

Il-Qorti,

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-motivi għaliex l-inkartament reġa' ġie mibgħut lura lill-Qorti huma tnejn:

1) Jekk it-tifel Antonio li għalaq sbatax-il sena, huwiex intitolat għall-manteniment; u sa liema età skond il-liġi ta' Malta l-missier huwa obbligat imantni lill-ibnu;

2) Jekk ir-rikorrenti tistax tiġi kunsidrata bħala abbandunata minn żewġha, la darba r-raġel ipprova li bagħtilha l-flus, u li offrilha biex tmur toqgħod il-Canada, iżda dina irrifjutat.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel kweżit dina l-Qorti kellha l-okkażjoni tirrispondi għall-mistoqsija simili f'numerużi każi preċedenti, fejn stabilit li, ċioè, taħt il-liġi Maltija l-ġenituri huma obbligati jmantnu u jedukaw lil uliedhom: il-manteniment huwa dovut skond il-bżonn ta' min qiegħed jitlob u l-mezzi ta' min huwa tenut għalih. Fil-liġi m'hemmx stabilit meta tispiċċa l-obbligazzjoni tal-ġenituri li jmantnu lil uliedhom. Infatti anki tifel li jkun għalaq l-età maġġuri — li għal Malta hija ta' tmintax-il sena — jista' jinsab fil-bżonn, u f'dana l-każ l-obbligazzjoni tibqa' isseħħ. Anki meta dana d-dmir jispiċċa għal raġuni jew oħra, jista' jerġa' jitwieled bħala konsegwenza ta' ċirkostanzi ġodda li jiġġustifikaw l-eżistenza tal-bżonn.

Ikkunsidrat:

Li mid-depożizzjoni tar-rikorrenti irriżulta li t-tifel Antonio Camilleri llum qiegħed jaħdem u jaqla' £3 fil-ġimgħa; u li t-tifla Rita qegħda taħdem u taqla' £1.17.0 fil-ġimgħa.

Ikkunsidrat:

Li dwar it-tieni kweżit dina l-Qorti, wara li reġgħet semgħat lir-rikorrenti bil-ġurament u eżaminat l-ittri esibiti minnha, waslet għall-konklużjoni li l-intimat abbandunalil martu, għax qiegħed jgħix ma mara oħra u għandu tifel minnha. Il-fatt li sporadikament l-intimat jibgħat xi flus ma jfissirx li ma avverax ruħu l-abbandun, għaliex l-essenza tal-abbandun, m'hiex fin-nuqqas ta' l-adempiment tad-dover li r-raġel għandu li jmantni lil martu, iżda tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwità tiegħu da parti tal-konjugi, mingħajr raġuni tajba. Issa rriżulta li l-intimat qiegħed jgħix regolarment ma' mara oħra; u għalhekk l-ostentazzjoni tiegħu li jrid lil martu miegħu, mhux ħlief protest biex juri li huwa m'abbandunahiex. Għal dawna l-konsiderazzjonijiet il-Qorti tirritjeni li r-rikorrenti hija ġustifikata ma taċċettax li tmur ma' żewġha, anki jekk wieħed għandu jieħu bħala ġenwini s-sollicitazzjoni kontenuti fl-ittri annessi ma dana l-proċediment.

Għalhekk, wara li ppremettiet dawna l-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li għandha timmodifika d-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Marzu, 1964 in kwantu biss tirrigwarda l-manteniment tat-tifel Antonio li taħt iċ-ċirkostanzi mhux aktar dovut, u żżomm ferma l-istess deċiżjoni in kwantu tirrigwarda l-manteniment tar-rikorrenti u tat-tifla Rita, billi l-qliegħ tagħha mhuwiex adegwat għal biex tista' tmantni ruħha, u f'kwalunkwe każ dina kienet kostretta tmur taħdem xogħol iebes fl-għelieqi ta' età żgħira, għax missierha ipprivaha mill-manteniment lilha spettanti skond il-liġi.

Omissis.